

Brussell, 3 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

11908/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0252 (NLE)

ASIE 62	TELECOM 347
COASI 133	RECH 475
CONOP 78	CLIMA 409
COTER 211	ENER 406
POLCOM 101	TRANS 538
SUSTDEV 148	TOUR 58
PI 106	EDUC 296
GENDER 137	CULT 90
JAI 1105	ENV 815
MIGR 236	POLMAR 48
COHAFA 81	SAN 491
COHOM 94	AGRI 382
CODRO 3	EMPL 314
COMPET 660	STATIS 38

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 209, flimkien mal-Artikolu 218(6), punt (a)(iii) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,¹

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/...¹⁺, il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fi [...]++, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) L-għan tal-Ftehim huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni tul firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kummerċ, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni u l-agrikoltura.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra (ĠU L ..., ..., p. ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 11909/22 u kkompleta n-nota korrispondenti ta' qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 11910/22.

Artikolu 1

Il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim")¹, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 59(1) tal-Ftehim.²

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ...[ĠU: Jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU għad-dokument ST 11910/22].

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jippresjedi l-Kumitat Konġunt kif previst fl-Artikolu 52(2) tal-Ftehim. L-Unjoni jew, skont il-każ, l-Unjoni u l-Istati Membri, għandhom ikunu irrappreżentati fil-Kumitat Konġunt, skont is-suġġett.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
